# Il-Fanal tal-Ġurdan 150 sena mindu tlesta

**Jirrakkonta Francesco Pio Attard**

Il-gżira Għawdxija hi mżejna b'għadd ġmielu ta' ġawhar storiċi li jfakkruna ftit fil-ġrajjiet glorjużi u inqas glorjużi ta' pajjiżna. Mill-Preistorja sa żmien l-Ingliżi, dawk li żaru lil pajjiżna dejjem ħallew it-tifkiriet tagħhom f'binjiet imxerrdin mal-gżira. Eżempji klassiċi huma t-tempji megalitiċi, l-oqbra ta' żmien l-Għarab u n-Normanni, ix-xeltrijiet ta' żmien il-Gwerra l-Kbira, u nistgħu nibqgħu sejrin.

Tifkira arkeoloġika ta' żmien l-Ingliżi f'Malta li tispikka fost l-oħrajn għas-sbuħija u l-utilità tagħha (l-użu tagħha ma spiċċax) hi bla dubju ta' xejn il-Fanal tal-Ġurdan, fil-limiti ta' l-Għasri. Min hu midħla tal-kampanja Għawdxija, speċjalment dik lejn il-punent tal-gżira, jgħidilna mill-ewwel li din il-binja tinsab bejn Wied il-Mielaħ u Wied l-Għasri (fil-punent taż-Żebbuġ u t-tramuntana ta' l-Għarb). Niftakarni nterraq lejn dawn in-naħat ma' tal-Museum, fil-passiġġata tal-Ħadd filgħaxija; dejjem kien jimpressjonani dan il-bini imponenti u sabiħ, fuq ir-riħ tal-baħar u ħames mija u sitta u tletin pied 'il fuq mil-livell tiegħu, fuq l-għolja tal-Ġurdan li minnha ħa ismu.

Ħafna ħasbu li l-isem *Ġurdan* oriġina minn de Gaudan (jew de Jourdeim), il-kunjom tal-kavallier li fl-1667 jingħad li bena hemm fanal bħala għajnuna għall-baħħara. Imma huwa ħafna iżjed probabbli li dan l-isem ġej mix-xmara famuża tal-Ġurdan, għax fl-immaġinazzjoni tagħhom ħafna qabblu din l-għolja Għawdxija max-xmara tal-Palestina, minħabba l-għejjun li kienu joħorġu minnha. Inqisu li din ir-raġuni hi aktar plawsibbli anki għax l-isem *Ta' Ġurdan* diġà nsibuh b'riferenza għal dawk l-inħawi f'dokument nutarili ta' l-1549, iktar minn mitt sena qabel ma kien jgħix l-imsemmi kavallier Fra Henry de Gaudan.

Il-bini tal-Fanal tal-Ġurdan fuq il-kosta tal-majjistral ta' Għawdex kellu l-għan prinċipali li jservi ta' gwida għall-baħħara fil-viċin. Kien fi żmien il-gvernatur Richard More O'Ferrall (1847-51) li nibtet u ssaħħet l-idea li jinbena dan il-fanal. Saru għalhekk l-istudji neċessarji u ġiet ukoll imħejjija pjanta tal-fanal minn J. S. Tucker, disinjatur ta' l-Ammiraljat f'Malta. Imma kellu jkun is-suċċessur ta' More O'Ferrall, il-gvernatur Sir Willian Reid, li ftit iktar minn sena wara li ħa f'idejh it-tmexxija tal-gżejjer, qiegħed il-pedamenti tal-fanal fl-ewwel jiem ta' Ġunju 1852. Ix-xogħol mexa b'ritmu mgħaġġel. Ma naqasx ix-xkiel tul il-proċess tal-bini, bħalma kienet id-diffikultà tal-ġarr ta' ġebel kbir lejn l-għolja wieqfa tal-Ġurdan. Minkejja li l-ispiża kienet għolja, sa Marzu 1853 ix-xogħol kien lest. Filfatt fil-15 ta' dak ix-xahar, mela mija u ħamsin sena ilu, il-Gvernatur inawgura dawl proviżorju li kien provdut permezz ta' lanterna kbira taż-żejt li d-dawl tagħha kien jidher kull ftit sekondi bid-dawrien ta' riflettur. Fl-1855 ħadet post dan id-dawl sistema ġdida ta' tlieta u għoxrin lampa tal-pitrolju b'numru ta' mirja jduru magħhom. Il-fanal, disgħa u sittin pied għoli, ġie inawgurat uffiċċjalment mill-gvernatur Sir William Reid, nhar il-11 ta' Ottubru 1857. Il-proġett kollu ġie jiswa erba' darbiet iktar minn kemm kien stmat, jiġifieri Lm818.43c4. Din is-somma kienet tkopri wkoll il-kwartier ta' l-għassiesa mibni fl-1854, flimkien mal-mekkaniżmu tad-dawl miġjub minn Londra.



*Il-Fanal tal-Ġurdan kif kien 60 sena ilu*

Minn dakinhar, il-fanal dejjem inżamm fl-aħjar kundizzjoni, u kien biss fl-1962 li l-Gvern Ingliż warrab

għall-ġenb il-lampi tal-pitrolju. F'dik is-sena sar tiġdid sħiħ tal-lanterna mill-kumpanija Franċiża *Barbier Bernard et Turenne (*Pariġi*)*, fejn twaħħal apparat aktar modern li jaħdem bl-elettriku. Illum id-dawl, li f'iljieli ċari jista' jidher minn ħamsin kilometru 'l bogħod, huwa pprovdut minn lampa waħda kbira u fissa b'sistema ta' mirja u prizmi kbar li jirriflettu d-dawl huma u jduru.


Il-Fanal tal-Ġurdan kif inhu llum

Meta kont għadni iżgħar, mill-pjazza ta' Pinu kont nitgħaxxaq nistenna d-dawl tal-Fanal tal-Ġurdan jegħmiżli kull ftit ħin, huwa u jdur id-dawra malinkonika tiegħu. Fit-tiftixa tiegħi għal din l-informazzjoni, sirt naf li kull seba' sekondi u nofs il-*flash* abjad tal-Fanal tal-Ġurdan jitfa' dawl b'intensità ta' 895,000 xemgħa (li jdum 0.344 ta' sekonda). Hemm ukoll sistema kkumplikata ta' sigurtà, li tiggarantixxi li d-dawl qatt ma jaqta' mill-Fanal tal-Ġurdan, lanqas f'ċirkustanzi diffiċli bħal ħsarat u qtugħ ta' kurrent. Kien fl-1963 li ġiet inawgurata din is-sistema l-ġdida. Kien biss fit-tliet snin tat-Tieni Gwerra Dinjija li d-dawl mill-fanal intefa', u dan minħabba l-esiġenzi tal-*blackout*. F'Ġunju 1994 sar apparat ieħor ġdid u awtomatiku fil-lanterna. "Ironikament", jinnota Toni Calleja, kittieb ta' l-istorja dwar l-Għasri, "l-apparat il-ġdid qiegħed jagħti ferm anqas dawl minn dak li kien hemm qablu!".

Il-Fanal tal-Ġurdan m'huwiex biss rikonoxxut minna l-Maltin u l-Għawdxin, u mill-baħħara li jaraw fih is-sieħeb fil-mixi tagħhom. Insibuh bħala punt ta' riferenza fil-mapep kollha ta' navigazzjoni bil-baħar jew bl-ajru, u spiss kien l-ispirazzjoni ta' poeti, kemm lokali u kemm barranin, bħalma kien it-Taljan Gabriele d'Annunzio. Fl-1900 intuża bħala punt astronomiku waħdieni f'esperiment li sar biex jistabbilixxi l-pożizzjoni ġeografika tal-gżejjer Maltin. Illum jintuża wkoll mill-*Public Broadcasting Services*, mill-Forzi Armati ta' Malta u mid-Dipartiment tal-Fiżika fi ħdan l-Università ta' Malta. Għalhekk il-fanal illum qed jaqdi iżjed mill-iskop oriġinali tiegħu. Filfatt attwalment qed jintuża wkoll fi proġett internazzjonali – l-*Atmospheric Pollution Research Project* – imniedi fl-1996 bl-għan li jkejjel il-preżenza ta' l-ożonu fl-atmosfera.

Il-Fanal tal-Ġurdan, b'iżjed minn mija u ħamsin sena ta' storja, hu tassew *landmark* fil-gżira tagħna. Mhux biss id-dawl tiegħu kien u għadu l-wens tal-baħħara, imma d-dehra tiegħu b'dawlu jgħammex l-inħawi għadha tqanqal l-immaġinazzjoni ta' ħafna, kif kienet tagħmel f'qalb dak it-tifel ċkejken li kien jistennieh jegħmiżlu ħa jnessih il-kruha tad-dlam li fl-iljieli jsewwed il-punent tal-gżira Għawdxija.

**Biblijografija**

Bezzina, Joe, *Il-Fanal tal-Ġurdan*, (studju dokumentat miġjub f'ilsienna mill-Ingliż minn Frank Galea), f'*Il-Korpus – Leħen mill-Parroċċa ta' l-Għasri*, 16 (1997).

Calleja, Toni, *Il-Għasri*, f'*Il-Korpus – Leħen mill-Parroċċa ta' l-Għasri*, 16 (1997).

**Home Decorations**
* *Specialising in Gypsum wall partitions*
* *Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles*
* *PVC Wall Panelling*
* *Interior Painting*
For Free Home Estimates
*Call* **Frank Azzopardi**
on 2156 5241 or 9982 9195

**BOGI AUTO LTD**
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073